# IL-PAĠNA TAL-LEĠJUN TA' MARIJA



## Meta Wenzu tela' s-sema

Kenneth Abela
President Leġjun ta' Marija (Regia ta' Malta)

Wenzu l-ħajjat, armel, ħalla din id-dinja ftit wara l-għalaq it-88 sena u wasal quddiem San Pietru.

"Jimporta tħallini ngħaddi?" qallu l-Malti. "Jien kont bniedem tajjeb u dejjem għext ħajja sew".

Il-Gwardjan xengel rasu 'l hemm u 'l hawn. Hawn Wenzu beda jinkwieta.

"Jaqaw?" qallu Wenzu, xi ftit ħosbien.

Veru li kien jemmen li kien għex ħajtu bħala Nisrani tajjeb, imma kien veru wkoll li, kultant kienet taqbiżlu meta l-mara, Marija, (kien ser jgħid 'Alla jtiha l-Ġenna' iżda żamm il-ħsieb), kienet tqabbiżhielu bit-tgergir u bl-ilmenti tagħha.

San Pietru tah ħarsa penetranti.

"Hawnhekk mhux kemm taqbad u tidħol, sieħbi. Mill-COVID 'l hawn daħħalna proċeduri ġodda. Biex naraw jekk intix ta' livell li tidħol il-ġenna rridu issa nagħmlulek eżami".

"Ħażin," wieġbu Wenzu. "Jien skola ftit li xejn naf minħabba li ma tantx kelli opportunità minħabba l-Gwerra".

"U le", qallu San Pietru. "Mhux dak it-tip ta' eżami. Biex naraw tgħaddix aħna naraw fuq is-*super computer* tagħna t-tajjeb li għamilt tul ħajtek. Trid iġġib tal-anqas 1,000 punt biex tidħol."

Hawn Wenzu ħa naqra r-ruħ, allavolja li ra li 1,000 punt kienu ħafna.Wara kollox, veru ma għexx ħajja perfetta imma, fir-raħal, kulħadd kien jafu bħala raġel tal-knisja.

Fil-frattemp minħabba inċident stradali serju fil-Guatemala, beda jinġema' kju mhux ħażin wara Wenzu. San Pietru ħares lejn l-arloġġ solari tiegħu u minnufih beda jispejga l-kwestjonarju.



"Ara, kull att tajjeb li għamilt f'ħajtek, ikollu numru ta' marki skont l-att xi jkun. Mela ħa nibdew, u naraw x'qed jgħidilna l-kompjuter.

"Mela, mort wara l-purċissjoni tad-Duluri, 50 darba, iżda f'5 biss mxejt bid-devozzjoni. Mela 5 punti. Għal 20 darba erfajt il-Monument fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tan-Naxxar. Dawn iġibu 20 punt. Quddies kuljum, 31,328, u kważi dejjem tqarbint qed nara. Dawn iġibu 90 punt. U jekk inżidu 19,643 Rużarju dawn itellgħu t-total għal 200 punt."

### Il-kbir għadu ġej

Hawn Wenzu beda jinkwieta bis-serjetà. Kien ħaseb li kważi kważi bil-quddies, tqarbin u rużarju kien suffiċjenti biex jibqa' dieħel dritt il-Ġenna. Kif jista' jkun li, issa, għadu 800 punt il-bogħod? U beda jħares baxx baxx bil-biża' 'l isfel. Possibbli ser ikollu jqatta' l-eternità fis-sħana kiefra ma' Luċifru, flok fil-kumdità tal-Ġenna, jitkellem fit-tul u jieħu kafè mal-qaddisin li tant kien iħobb?

San Pietru dar lejh hekk kif induna x'kien għaddej minn moħħ Wenzu.

"Tibdiex tinkwieta sakemm inlestu l-kwestjonarju kollu", qallu.

"Mela fadal aktar?", wieġbu Wenzu. "Ma nafx li għamilt xi ħaġa oħra tajba f'ħajti."

San Pietru tbissimlu. "Mela, kif jgħidu f'Malta, il-kbir għadu ġej.

"Bħala membru tal-Leġjun ta' Marija, int dejjem imxejt fuq dak li kien jgħidilna l-Imgħallem tagħna meta kien fid-dinja: li dak li tagħmel mal-anqas wieħed tkun qisek għamiltu Miegħu. Ħares lejn idejk. Dawn mhux biss huma ndaf iżda mimlija wkoll!

"Jekk issa naraw iż-żjarat li int kont għamilt lill-morda fid-djar tagħhom fid-Djar tal-Anzjani u fl-iSptarijiet, u l-appostolat kollu li għamilt bi kliem ta' wens, kuraġġ, tama u faraġ ma tant persuni li, wara, treġġgħu lura fit-triq it-tajba.

"U, jekk inżidu kemm tajt għajnuna u ħin ma' tant foqra u refuġjati li kienu fil-bżonn, għandi pjaċir ninfurmak li l-1,000 punt qbiżthom".

Wenzu hawn ħa r-ruħ u feraħ bil-kbir, speċjalment kif San Pietru fetaħlu beraħ il-Bieb biex jgħaddi. Iżda, hekk kif Wenzu beda miexi biex jidħol ġewwa, ġieħ ħsieb li inkwetah mhux ftit. Naqqas xi ftit il-pass imgħaġġel li kien qabad. "Tgħid, possibbli, li Marija, martu, li kienet telqet qablu, kienet wkoll għaddiet mill-eżami u ser isibha hemm ġew tistennih? U għamel biċċa xogħol tajba li għadda mill-eżami jekk issa ser tagħmillu l-ħajja ta' dejjem infern xorta waħda?"

## Sehem fin-Natura Divina

Frank Mifsud

Xi privileġġ! Jiena nista' jkolli sehem fin-natura divina ta' Kristu!

Fil-bidu tal-liturġija tal-Ewkaristija, waqt li jixħet l-inbid u ftit ilma fil-kalċi, is-saċerdot, minn taħt l-ilsien, jgħid: "Bil-misteru ta' dan l-ilma u nbid, ikollna sehem fin-natura divina ta' Kristu, kif hu jissieħeb magħna fin-natura tagħna l-bnedmin."

Fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, fl-Artiklu 460 [1], għandna li: L-Verb sar bniedem biex inkunu nistgħu "nissieħbu fin-natura ta' Alla" (2 Pietru 1, 4). Waħda mir-raġunijiet għaliex Alla ħa l-Inkarnazzjoni kienet proprju biex il-bniedem ikollu sehem mid-divinità Tiegħu. Bħalma bl-Inkarnazzjoni Alla jissieħeb magħna fin-natura tagħna, hekk aħna nistgħu nissieħbu fin-natura ta' Alla. Dan hu dak li jissejjaħ *Theosis*.

Fl-istess silta S. Pietru (2 Pietru 1, 4) jagħmlilna l-proviso li, biex nidħlu f'dan l-istat, jeħtiġilna neħilsu mit-taħsir: "... huwa tana l-egħżeż u l-akbar ġid li kien wegħedna, biex bih – wara li tkunu ħlistu mit-taħsir li hawn fid-dinja, ħtija tal-ġibdiet ħżiena – tissieħbu fin-natura ta' Alla."

### Ħelsien mit-taħsir permezz tal-virtù

Mal-grazzja ta' Alla li jagħtina sehem mid-divinità Tiegħu, hija meħtieġa l-parteċipazzjoni tal-persuna, u dan permezz ta' "ħelsien mit-taħsir", ta' għajxien ta' ħajja ta' virtù, u ta' imitazzjoni ta' Kristu. Il-Magħmudija hija mezz ewlieni, għax tifthilna t-triq għall-Ispirtu s-Santu, u li biha nsiru dar għat-Trinità. L-Ewkaristija hija indispensabbli, għaliex biha nirċievu l-Ġisem ta' Kristu ġo fina. Bih ġo fina u aħna fih, aħna qegħdin nitwaħħdu ma' Alla, qegħdin nieħdu sehem min-natura divina! L-aqwa sehem fin-natura divina, il-bniedem jieħdu meta jgħaddi għall-eternità fil-Ġenna – "Madankollu nafu li meta jidher hu, aħna nkunu bħalu, għax narawh kif inhu." (1 Ġw 3, 2).

Is-sehem fid-divinizzazzjoni jiġi minn proċess, minn mixja spiritwali li, tulha, il-bniedem itejjeb ħajtu, iħobb aktar lil Alla, jitqaddes, iżid fl-għaqda ma' Alla. Id-divinizzazzjoni sseħħ permezz tal-grazzja, tal-Ispirtu s-Santu preżenti fil-bniedem, fejn il-bniedem jingħata r-rigal li jipparteċipa fil-ħajja divina filwaqt li jiġi trasformat aktar fi xbiha ta' Alla.

### Referenza

1. Fil-KKK insibu Kapitli oħra li jirreferu għas-sehem tal-bniedem fin-natura divina ta' Kristu, fosthom: 526; 1265; 1692; 1988; 1721; 1996.